II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/626

tas-7 ta' Mejju 2020

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-entrata għar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati lejn l-Unjoni, jew jgħaddu minnha bi tranżitu, ċerti prodotti tat-tjur b'rabta mal-marda ta' Newcastle

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-fraži introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1), 24(2) u 25(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([3]) jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u t-tranżitu minnha, inkluż il-ħżin waqt it-tranżitu, tat-tjur u tal-prodotti tat-tjur (il-prodotti). Dan jistipula li tista' ssir importazzjoni tal-prodotti jew li dawn jgħaddu mill-Unjoni bi tranżitu biss mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni u mill-kumpartimenti li hemm imniżżla fil-kolonni 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet biex pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment ikun jista' jitqies ħieles mill-marda ta' Newcastle.

(3) Ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq hija elenkata fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż terz li minnu huma awtorizzati, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni, u t-tranżitu minnha, ta' ċerti prodotti tat-tjur, mit-territorju kollu tagħha.

(4) Fit-22 ta' April 2020, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq ikkonfermat il-preżenza tal-marda ta' Newcastle fi stabbiliment tat-tjur fit-territorju tagħha. Minħabba dik it-tifqigħa kkonfermata, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq ma tistax tkompli titqies bħala ħielsa minn dik il-marda u għalhekk l-awtoritajiet veterinarji tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq ma jistgħux ikomplu jiċċertifikaw il-kunsinni ta' laħam tat-tjur għall-konsum uman maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni jew għat-tranżitu minnha.

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi emendata l-entrata għar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 biex tqis is-sitwazzjoni epidemjoloġika f'dak il-pajjiż terz.

(6) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jiġi emendat kif xieraq.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-entrata għar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq hija sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi tal-ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Kundizzjonijiet speċifiċi		Status ta' sorveljanza tal-influwenza tat-tjur	Status ta' tilqim kontra l-influwenza tat-tjur	Status tal-kontroll tas-salmonella[6]
			Mudell(i)	Garanziji addizzjonali		Data tal-għeluq[1]	Data tal-ftuħ[2]			
1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
"MK — Ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq	MK-0	Il-pajjiż kollu	E, EP							
			POU		P3	22.4.2020"				